MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Numru 5743/2006

**Il-Pulizja**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**v.**

**Anthony Schembri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-Avukat Generali presentat il-bierah 16 ta' Frar 2006 li permezz tieghu, a tenur ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 575(4A) tal-Kodici Kriminali, talab l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri ta' l-imputat Anthony Schembri wara li dan, permezz ta' digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'digriet tad-9 ta' Frar 2006, kien inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet;

Rat id-digriet preliminari taghha tal-bierah ukoll, li permezz tieghu din il-Qorti appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal-lum;

Semghet lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghar-rikorrent kif ukoll lill-Avukat Dott. Edward Gatt ghall-intimat Anthony Schembri;

Rat l-attijiet ta' l-istruttorja limitatament ghall-fini tat-talba odjerna;

Ikkonsidrat:

L-intimat jinsab akkuzat bl-omicidju volontarju ta' martu (u xi reati ohra ancillari). Sakemm inghata d-digriet tad-9 ta' Frar imsemmi, l-intimat kien jinsab detenut f'dik is-sezzjoni ta' l-Isptar Monte Karmeli li responsabbli minnha huwa d-Direttur tal-Habs. Permezz ta' rikors datat 30 ta' Jannar 2006, huwa talab li ma jibqax jinzamm f'din is-sezzjoni ossia *ward*, izda li jinghata lilu l-beneficcju tal-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li huwa jibqa' residenti fl-imsemmi sptar. Fil-fatt, bid-digriet imsemmi, il-Qorti Istruttorja akkordat it-talba ghall-helsien mill-arrest fuq garanzija personali ta' Lm20,000 lira u bil-kundizzjoni li huwa jirrisjedi gewwa l-Isptar Monte Karmeli "u ma johrog ghal ebda raguni, hlief ghal ragunijiet medici, mill-*ward* li fih jigi assenjat."

Apparti li garanzija personali, anke jekk f'somma gholja, kwazi esagerata, ta' ghoxrin elf lira mhix, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz – cioè anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni biss il-gravità tar-reat – garanzija idonea – f'kazijiet simili ghandu jingieb plegg tajjeb jew ikun hemm depozitu tas-somma jew ta' rahan li jiswa daqsha (Artikolu 577(1)(2), Kap. 9) – f'dan il-kaz l-imputat stess, tramite d-difensur tieghu, kien talab fl-udjenza ta' l-10 ta' Novembru 2005 li jigu nominati "esperti medici biex jivverifikaw il-kondizzjoni mentali ta' l-imputat". Mhux car mill-verbal ta' dik l-udjenza jekk it-talba kienitx qed issir ghall-finijiet ta' l-Artikolu 402(1)(a) tal-Kodici Kriminali jew ghal xi skopijiet ohra; però l-Qorti Istruttorja laqghet dik it-talba u nnominat tliet psikjatri biex jezaminaw lill-imputat, intimat odjern. Il-fatt li l-istat mentali ta' l-imputat qed jigi investigat, u fid-

dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, ifisser li hemm perikolu li l-imputat, jekk jinheles mill-arrest, jista' jintralcja l-kors ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja specjalment bil-modi indikati fil-paragrafi (a) u (c) tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali, apparti wkoll li hemm il-perikolu li l-intimat jikkommetti xi reat iehor (paragrafu (e) ta' l-imsemmi Artikolu 575(1)). Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma kellux jinghata l-helsien mill-arrest, anke jekk dan il-"beneficcju" kien kundizzjonat bir-restrizzjoni li huwa ma johrogx mill-Isptar Monte Karmeli jew mill-*ward* li jigi assenjat lilu mill-awtoritajiet ta' l-imsemmi sptar. Konsegwentement din il-Qorti taqbel li t-talba ta' l-Avukat Generali ghandha tintlaqgha.

Ghall-motivi premessi, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tad-9 ta' Frar 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-imputat Anthony Schembri nghata l-helsien mill-arrest, u minflok tordna l-arrest mill-gdid u d-detenzjoni ulterjuri tieghu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------